**QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**Illum 04 ta' Dicembru, 2019**

**Rikors Revoka Nru: 253/2019 AF**

In Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru: 193/2019

**Matthew Dimech**

**vs**

**Diandra Dimech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Diandra Dimech.

Rat id-digriet precedenti.

Rat li, minkejja li gie moghti ghaxart'ijiem ghat-twegiba, Matthew Dimech baqa' ma pprezenta ebda twegiba.

Semghet liz-zewg difensuri jittrattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura Diandra Dimech qed titlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghha minn zewgha sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu fuq sehemu tal-komunjoni tal-akkwisti. Hija tistrieh fuq il-provedimenti tal-ligi kontenuti fl-Art. 836(1) (c) (d) u (f) li testwalment jipprodu ghat-thassir ta' mandat meta:

*"(c) jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*.....*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Ma tirrizulta lill-Qorti ebda cirkostanza li tirrendi applikabbli is-sub-inciz (c) fuq citat.

Il-Qorti tinnota illi Matthew Dimech kkonferma bil-gurament li l-kreditu tieghu fil-konfront tal-komunjoni huwa ta' zewg miljuni u sitt mitt elf Ewro (€2,600,000). Minn dan ifisser illi huwa jivvaluta l-komunjoni fl-ammont ta' hames miljuni u mitejn elf Ewro (€5,200,000).

Mid-dokumenti esibiti in atti, ma jirrizultax illi l-komunjoni ghandha valur daqshekk gholi. Tikkonsisti fi proprjetà immobbli valutata sitt mija u hamsin elf Ewro (€650,000) u kirja kummercjali li l-introjtu relatat maghha jinzamm minn Matthew Dimech stess.

Il-Qorti tqis inoltre li l-mandat *de quo*, minbarra li huwa eccessiv, qieghed effettivament jipparalizza n-negozju tal-istess komunjoni li dejjem kienet amministrata minn Diandra

Dimech minhabba d-diversi problemi gudizzjarji ta' Matthew Dimech.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li jissustu kemm ic-cirkostanzi kontemplati fis-sub-inciz (d) tal-Art. 836(1) tal-Kap. 12, kif ukoll dawk kontemplati fis-sub-inciz (f) tal-istess.

Ghaldaqsant il-Qorti tilqa' t-talba ta' Diandra Dimech u thassar il-mandat ta' sekwestru 193/2019.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF